



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 6 ta' Lulju 2012 (16.07)
(OR. en)**

9928/12

LIMITE

PV/CONS 26

AGRI 308

PECHE 165

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: It-**3165** laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**AGRIKOLTURA U SAJD**), li saret fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Mejju 2012

¹ L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet legiſlattivi tal-Kunsill, dwar każijiet oħrajn ta' deliberazzjonijiet tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Pàġna

1. Adozzjoni tal-aġenda.....	3
------------------------------	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	3
--	---

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

3. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd	4
--	---

4. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata	4
---	---

5. Riforma tal-Politika Agrikola Komuni - Ekoloġizzazzjoni	4
--	---

- (a) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni
- (b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (ir-regolament orizzontali)
- (c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

6. Affarijiet oħrajn	
----------------------	--

- (a) Konferenza ta' Salzburgu dwar l-Akkwakultura.....
- (b) Infurzar tar-rekwiżit ġenerali li l-annimali jiġu storduti qabel it-tbiċċir.....
- (c) Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd UE/Mawritanja.....

o
o o

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

9667/1/12 REV 1 OJ CONS 26 AGRI 287 PECHE 154

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATIVI

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**

9669/12 PTS A 39

Fl-14 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta l-lista ta' punti "A" elenkata fid-dok. **9669/12** u fil-15 ta' Mejju 2012 adotta d-dokument **9669/12 COR 1**:

1. Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tar-regolamenti tal-forestrija, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)
 - Adozzjoni
9220/12 AGRI 260 FORETS 30 DEVGEN 104 ENV 311 RELEX 373
JUR 242 UD 127 PROBA 19
14034/11 AGRI 591 FORETS 66 DEVGEN 239 ENV 672 RELEX 887
JUR 448 UD 225 PROBA 106
14036/11 AGRI 592 FORETS 67 DEVGEN 240 ENV 673 RELEX 888
JUR 449 UD 226 PROBA 107
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-03.05.2012
2. Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u l-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)
 - Adozzjoni
9219/12 AGRI 259 FORETS 29 DEVGEN 103 ENV 310 RELEX 372
JUR 241 UD 126 PROBA 18
11104/11 AGRI 424 FORETS 51 DEVGEN 178 ENV 435 RELEX 613
JUR 283 UD 140 PROBA 83
11101/11 AGRI 422 FORETS 50 DEVGEN 177 ENV 434 RELEX 612
JUR 282 UD 139 PROBA 82
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-03.05.2012

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

SAJD

3. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (L-ewwel qari)

- Dibattitu ta' orjentazzjoni
12514/11 PECHE 187 CODEC 1166
9155/1/12 REV 1 PECHE 133 CODEC 1081

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u dwar ir-relazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd mar-rekwiżiti ambjentali.

4. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata (L-ewwel qari)]

- Dibattitu ta' orjentazzjoni
17870/11 PECHE 368 CADREFIN 162 CODEC 2255
9153/12 PECHE 132 CADREFIN 216 CODEC 1079

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-allokazzjonijiet previsti fl-Artikoli 15(2)-(6) u 16, kif ukoll il-kriterji ta' allokazzjoni proposti fl-Artikolu 17.

AGRIKOLTURA

5. Riforma tal-Politika Agrikola Komuni - Ekoloġizzazzjoni (L-ewwel qari)

- (a) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni
15396/11 AGRI 679 AGRIFIN 87 CODEC 1656
+ REV 1 (en, fr, de)
+ REV 2 (nl)
- (b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (ir-regolament orizzontali)
15426/11 AGRI 684 AGRISTR 58 AGRIORG 181 AGRIFIN 92 CODEC 1666
+ REV 1 (en, fr, de)

- (c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
15425/11 AGRISTR 57 CODEC 1665
+ REV 1 (en, fr, de)
- Dibattitu ta' orjentazzjoni
9599/12 AGRI 284 AGRISTR 60 AGRIFIN 84 CODEC 1202

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni, ibbażat fuq il-kwestjonarju tal-Presidenza li jinsab fid-dokument 9599/12.

Il-Kunsill innota l-intenzjoni tal-Presidenza li tkompli l-ħidma dwar ir-riforma tal-PAK fis-sessjoni li jmiss tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") f'Ġunju.

6. Affarijiet oħrajn

- (a) Konferenza ta' Salzburgu dwar l-Akkwakultura
- Informazzjoni mill-Kummissjoni

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni informat lill-Kunsill dwar il-Konferenza ta' Salzburgu. Hija nnutat speċjalment żewġ sfidi li qed jiffaċċja s-settur tal-akkwakultura, b'mod partikolari l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakoli amministrattivi u li tiġi ffaċilitata l-għażla tal-ispazju kemm tal-art kif ukoll tal-baħar. Il-Konferenza nediet proċess ta' konsultazzjoni dwar l-akkwakultura Ewropea li ser tintemm f'Konferenza oħra f'Galizja f'Novembru ta' din is-sena.

Id-delegazzjoni Awstrijaka, dik Belġjana, Ċeka, Ġermaniża, Griega, Spanjola, Finlandiża, Ungeriża, Irlandiża, Slovena, Slovakka u Portuġiża kollha esprimew is-sodisfazzjon tagħhom bil-Konferenza li tittratta dan is-settur li dejjem qed tiżdiedlu l-importanza. Id-delegazzjoni Awstrijaka enfasizzat id-dikjarazzjoni konġunta mill-21 Stat Membru dwar ir-rwol futur tal-Akkwakultura fil-Politika Komuni tas-Sajd (9839/1/12 REV 1). Id-delegazzjoni Finlandiża ssottolinjat proposta konġunta mit-18-il Stat Membru għall-emendi għall-Artikoli 45 u 46 tal-FEMS (dok. 9833/12).

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mir-rappreżentant tal-Kummissjoni u tal-kummenti mid-delegazzjonijiet.

(b) Infurzar tar-rekwiżit ġenerali li l-annimali jiġu storduti qabel it-tbiċċir

- Informazzjoni mid-delegazzjoni Svediża
9704/12 AGRI 290 VETER 36

Il-Kunsill ħa nota tal-preokkupazzjonijiet li nstemgħu mid-delegazzjoni Svediża rigward l-użu żejjed tad-deroga li tippermetti tbiċċir tal-annimali mingħajr ma jiġu storduti qabel. Appoġġata mid-delegazzjoni Belġjana, dik Daniża, Latvjana, Olandiża u dik tar-Renju Unit, id-delegazzjoni Svediża appellat għal infurzar aktar strett tad-dispożizzjoni ġenerali fid-Direttiva tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qtil, li titlob li l-annimali jiġu storduti qabel jitbiċċru u tipprevedi biss deroga għal annimali soġġetti għal metodi partikolari ta' tbiċċir mitluba minn ċerti riti reliġjużi.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fakkret li waqt li l-benesseri tal-annimali ġew inklużi fid-dispożizzjonijiet tal-applikazzjoni ġenerali tat-TFUE (Art 13), dawn kienu soġġetti għar-rekwiżit li jirrispettaw ir-riti reliġjużi. Hija stiednet lill-Istati Membri kollha jiżguraw li d-deroga ġiet użata biss għall-iskop li kienet intenzjonata għalih. Rigward it-talba minn ċerti delegazzjonijiet u l-gruppi ta' interess għal tikkettar mandatorju ta' Halal u laħam kosher, hija indikat li l-Kummissjoni ppreferiet li tistenna r-riżultati tal-istudju tal-konsumatur qabel ma jiġi evalwat il-fatt jekk kinitx meħtieġa leġiżlazzjoni ulterjuri dwar din il-kwistjoni.

(c) Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd UE/Mawritanja

- Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka
9835/12 PECHE 160

Id-delegazzjoni Pollakka espremiet il-preokkupazzjonijiet tagħha rigward l-istaġnar ovvju fin-negozjati għal protokoll tas-sajd ġdid mal-Mawritanja kif imniżżel fid-dok. 9835/12 u talbet informazzjoni konkreta dwar il-previżjoni immedjata u fit-tul għall-flotot dipendenti dwar dan il-ftehim waqt li appellat għal aktar sforzi biex jerġgħu jitniedu n-negozjati.

Id-delegazzjoni Spanjola, dik Franċiża, Litwana, Latvjana, Olandiża u Portugiża esprimew dawn il-preokkupazzjonijiet li jissottolinjaw l-importanza ta' dan il-ftehim għall-flotot tagħhom, il-ftit ħin li fadal, u x-xewqa li tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni rrikonoxxiet bis-sħiħ l-importanza ta' dan il-ftehim għall-flotot pelaġiċi u xtaqet li tarah jitkompla. Hija ssottolinjat li waqt il-ħames sessjonijiet ta' negozjati s'issa, il-Kummissjoni rrispettat il-pilastri ċentrali tal-mandat tagħha, partikolarment l-opportunitajiet ta' sajd żejjed biss, il-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem u l-valur tajjeb għall-flus. Hija ssottolinjat li n-negozjati ma nkisrux u xtaqet li jkun hemm is-sitt sessjoni dalwaqt. Il-Kummissjoni ser tagħmel sforz doppju. Madankollu, hija wissiet li minħabba li l-flus huma importanti għan-negozjati, il-flotta jista' jkollha tikkontribwixxi aktar finanzjarjament biex tikseb ftehim dwar il-protokoll il-ġdid.

=====